Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 425/2014

**Midsea Books Limited [C 3169] (appellanti)**

**vs**

**Ramon Zammit [I.D. 395868M] (appellat)**

19 ta' Frar, 2018.

Wara s-sentenza parzjali tat-28 t'April 2017[1], b'din is-sentenza ser jigi deciz il-meritu.

Permezz tal-avviz tat-talba s-socjeta' appellanti qeghda titlob li l-appellat jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef erba' mija u tlieta u sebgħin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€3,473.63) ghal servizzi li tat lill-appellat flimkien ma' spejjez relatati.

Il-appellat wiegeb li t-talbiet appellanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.[2]

## Konsiderazzjoni.

It-talba appellanti tressqet fl-isfond ta' xenarju shih li evolva bejn il-partijiet fuq numru ta' xhur. Jirrizulta:

i. L-appellanti ghandha negozju ta' stampa u bejgħ ta'[3];

ii. Il-appellat huwa ghalliem tal-Malti. Fuq medda ta' cirka tmien snin ghamel ricerka dwar l-istorja marbuta mat-Tazza tad-Dinja sa mill-bidu taghha fis-sena 1930 'l quddiem. Originarjament l-intendiment kien li din l-informazzjoni sservi ta' motivazzjoni ghall-istudenti tieghu izda eventwalment iddecieda li jkun utli li jippubblika ktieb. Ghal habta ta' Gunju 2009, il-appellat avvicina lill-appellanti sabiex jiddiskuti maghha l-possibilta' li l-pubblikazzjoni ssir[4];

iii. Ghall-bidu s-socjeta' appellanti kienet xettika dwar kemm kien vijabbli l-progett, u dan ghal diversi ragunijiet fosthom minhabba li fil-perjodu tat-Tazza tad-Dinja johorgu numru ta pubblikazzjonijiet b'dak is-suggett, kif ukoll

---

[1] Fol 31 et seq.
[2] Risposta a fol 9.
[3] Affidavit ta' Joseph Mizzi a fol 17.
[4] Xhieda tal-appellat a fol 37.

minhabba li l-udjenza kienet ser tkun limitata peress li l-ktieb kien bil-Malti biss[5];

iv. Madankollu eventwalment intlehaq ftehim li l-pubblikazzjoni mehud ukoll in konsiderazzjoni li l-appellat kien sab appogg min-numru ta' *sponsors* li kienu lesti jghinuh jiffinanzja l-progett[6]. Il-partijiet ftehmu li **l-ktieb kellu jkun lest sa Frar/Marzu 2010** u cioe' qabel it-Tazza tad-Dinja tat-12 ta' Gunju 2010 li saret f'South Africa. Dan il-ftehim kien diga' gie senjalat mis-socjeta' appellanti stess fis-7 ta' Lulju 2009 meta f'*email* li baghtet lil terzi ikkonfermat li l-ktieb in kwistjoni "***will then be printed next Feb/Mar***[7];

v. Il-fattur taz-zmien kien importanti. Kif xehed il-appellat, "*min kien ser jixtrih irid ikun dilettant ta' veru u li kien ser jixtrih fiz-zmien il-furja tal-World Cup…..ma tistax tirriskja u tohorgu gimgha qabel il-World Cup izda trid tohorgu ferm qabel tibda l-World Cup….*[8]*.*" Min-naha taghha l-appellanti rrikonoxxiet li "*ktieb bhal dan hu marbut ma' stagun qasir u jekk ma tbieghux se jibqa' ma' wiccek ghax wara l-kompetizzjoni jsir 'outdated' mill-ewwel*[9]";

vi. Il-appellat jghid li wara li fis-sajf 2009 ikkonkludew il-ftehim li l-ktieb se jigi ppublikat, Joseph Mizzi, direttur tas-socjeta' appellanti, kien infurmah li kien ghadu kmieni bhala zmien u li ghalhekk ix-xoghol ma kienx ser jibda mill-ewwel. Il-appellat qal hekk, "*Jiena ma nifhimx fil-printing u ghalhekk peress li kien infurmani li kellu jkun lest qabel il-World Cup hallejt f'idejh*[10]";

vii. Ghalkemm quddiem din il-Qorti l-appellat qal li x-xoghol tal-*proof reader* beda bejn Settembru u Ottubru 2009[11], il-provi dokumentarji jaghtu stampa mod iehor. Jirrizulta nfatti li kien biss lejn l-ahhar ta' Dicembru 2009, bidu ta' Jannar 2010 li l-partijiet skambjaw emails bil-ghan li jaghtu "*bidu ghax-xoghol fuq il-ktieb*[12]*.*" Joseph Mizzi ssuggerixxa li jiltaqghu ghal habta ta' nofs Jannar 2010. Il-appellat accetta u kkonferma li min-naha tieghu kien ser ikollu kollox lest (bhala text[13]), pero' staqsa jekk dan ikunx tard minhabba *t-time-frame* tal-pubblikazzjoni miftehma. Huwa qallu hekk f'email datata 28 ta' Dicembru 1998[14] –

"*Jien ghalija l-15 ta' Jannar mhu problema xejn, anzi sa dakinhar ikolli kollox lest minn naha tieghi….ma jkunx tard hux?*

[5] ara skambju ta' emails datati Gunju 2009 a fol 73 u affidavit ta' Joseph Mizzi a fol 17.
[6] Affidavit Joseph Mizzi a fol 18.
[7] Fol 76.
[8] Fol 37.
[9] Fol 74.
[10] Fol 38.
[11] Fol 91.
[12] Fol 60.
[13] Ara xhieda a fol 189.
[14] Fol 60.

*Ghad irridu naghmlu proof reading, nitkellmu dwar il-prezentazzjoni minn gewwa kif ukoll minn barra ecc. Jien ma nifhimx allura ma nafx jekk iz-zmien hux favur taghna – iggwidani int. Ahna kellna l-hsieb li l-ktieb ikun fic-cirkulazzjoni ghall-Marzu….inkunu tajjeb?".*

viii. Ghal din l-email Mizzi rrisponda biss – *"tajjeb wisq nergghu nitkellmu*[15] *";*

ix. Huwa evidenti li eventwalment it-*time frame* originarjament miftiehem ghall-pubblikazzjoni tal-ktieb fil-perjodu Frar/Marzu 2010 ma nzammx u dan kif juru l-iskambju ta' emails bejn il-partijiet fil-perjodu Marzu-April 2010 fejn il-partijiet kienu qeghdin kontinwament jikkorrispondu dwar diversi aspetti relatati mal-publikazzjoni inkluz dwar il-*proof reading*, impagnar ecc[16].

x. Mill-kontenut ta' dwan l-iskambji bejn Marzu u April il-Qorti tifhem li f'dan il-perjodu msemmi l-appellat wasal biex jaccetta certu dewmien anke ghax mit-ton uzat ma jirrizultax li sa dak iz-zmien ir-relazzjoni bejniethom kienet iddeterjorat;

xi. Madankollu l-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll li l-appellat ma kienx daqstant kuntent bl-andament tal-affarijiet tant li ripetutament kien qieghed jissenjala l-preokkupazzjoni tieghu li l-ktieb ma kienx ser jilhaq ikun lest fil-hin u beda jitlob reazzjoni dwar dan minghand is-socjeta' appellanti:

Fl-1 t'April 2010[17] huwa baghat email lil Joseph Mizzi fejn staqsieh –

*"Kif qeghdin fiz-zmien? Ghandi ghalfejn ninkwieta?"*

Jidher li l-appellat ma rcieva ebda risposta minghand Mizzi ghax dakinhar stess, f'email lil Karl Coleiro[18] huwa staqsieh hekk –

*"Jekk ghandek ibaghtli n-numru ta' Joseph jew tal-ufficcju ghax qieghed ninkwieta ftit."*

Xi granet wara, f'email datata 7 t'April 2010[19] il-appellat kiteb lil Joseph Mizzi –

*"Skuzani ma nixtieqx indejqek jew niffittak.*

*Pero' xtaqt nistaqsik dwar il-ktieb jekk ahniex fil-hin ghaliex qieghed ninkwieta xi ftit. Jien ix-xoghol min-naha tieghi lest u se nibghatu lil Karl illejla. Tista' jekk joghgbok tghidli xi jmiss li jsir, meta tkun komdu."*

---

15 Fol 60.
16 Ara fol 46 sa 58 u dokumenti prezentati quddiem din il-Qorti a fol 41 *et seq*.
17 Fol 58.
18 Fol 46.
19 Fol 56.

Fl-email datata 11 t'April 2010[20] il-appellat rega' kiteb lil Joseph Mizzi –

*"Ghalkemm xtaqt hafna li ma nergax niktiblek u ndejqek meta ghandek tant affarijiet fuq mohhok, ma nistax nahbi l-fatt li jien xi ftit inkwetat dwar il-ktieb. Iz-zmien qieghed jaghfas u jekk ma nohorgux sa hmistax ohra nibza li l-isforzi tieghi jkunu kollha ta' xejn.*

*Tista' jekk joghgbok tilluminani x'inhu l-pass li jmiss? Ghadna fiz-zmien?"*

xii. F'dak l-istadju r-reazzjoni tal-appellanti kienet li ma kienx hemm lok ghal thassib da parti tal-appellat. F'email datata 7 t'April 2010[21], Joseph Mizzi serrah ras il-appellat biex ma jinkwetax ghax *"il-ktieb xorta jsir"* filwaqt li f'email ohra ftit granet wara fil-11 t'April 2010, Mizzi rega' ta risposta simili lill-appellat meta qallu[22] -

*"Ma nahsibx li hemm ghalfejn ta' din il-preokkupazzjoni kollha. Din il-gimgha se nkunu qed nahdmu fuq id-disinn tal-ktieb. Ix-xoghol wara dan ghandu jimxi b'ritmu tajjeb.*

*Tinkwetax il-ktieb isir. Sadanittant int ghandek risposta definittiva mill-Good Causes Fund."*

xiii. Fil-granet ta' wara l-appellat beda jzid aktar il-pressjoni biex is-socjeta' appellanti tlesti xogholha fuq il-ktieb mill-aktar fis.

F'email datata 13 t'April 2010 huwa kiteb lil Karl Coleiro[23] -

*"Naf li inti mhabbat u ma nixtieqx indejqek, pero' ninsab inkwetat dwar il-ktieb. Nahseb li ga ninsabu tard u ghad fadal hafna xoghol xi jsir. Qieghed kontinwament nigri wara Joseph pero' ma nafx fejn wasalna. Nista' nitolbok biex jekk tista' tohodlu ftit minn rasu fejn wasalna, u kemm jahseb li fadlilna xoghol (inkwantu ta' gimghat).*

*Jekk ma nohorgux fl-1 ta' Mejju se jkolli problemi kbar!"*

F'email datata 14 t'April 2010[24] li l-appellat kiteb lil Joseph Mizzi, qallu -

*"Ghamilna xi progress rigward il-ktieb? Hemm xi haga x'nista' naghmel jien?"*

xiv. Fl-isfond ta' dan ix-xenarju, kompla l-iskambju bejn il-partijiet dwar il-preparamenti rimanenti li kien fadal sabiex tigi finalizzata l-pubblikazzjoni tal-ktieb inkluz dik relatata mal-*grey tables* li kellhom jigu dizinjati mis-socjeta' appellanti u li t-taghrif dwarhom kien diga' jinsab fl-abbozz li kien inghatalha

---

[20] Fol 50.
[21] Fol 56.
[22] Fol 50.
[23] Fol 54.
[24] Fol 53.

mill-appellat zmien qabel[25]. Gew ezibiti emails f'dan is-sens li jkopru perjodu bejn it-23 u s-27 t'April 2010[26];

xv. Fit-23 t'April 2010 is-socjeta' appellanti baghtet lill-appellat 4 pdf files ta' erba' edizzjonijiet[27], cjoe dawk tal-14, 15, 16 u 18;

xvi. **Il-mira finali, skont ma xehed il-appellat quddiem din il-Qorti, kienet li almenu sal-20 ta' Mejju 2010 il-*printing* tal-ktieb ikun lest**[28];

xvii. F'Mejju 2010 pero' kien hemm zvolta fir-relazzjoni bejn il-partijiet. Permezz ta' email datata 7 ta' Mejju 2010[29] Edwin Catania ghas-socjeta' appellanti baghat lill-appellat stima riveduta ghall-ipprintjar minghand il-*printing press* Gutenberg bazata fuq zieda fil-pagni tal-ktieb, u nfurmah dan il-progett ma kienx vijabbli. Huwa qal ukoll li kien ta struzzjonijiet lil Karl Coleiro biex iwaqqaf ix-xoghol kollu sakemm jinghata avviz iehor. Catania talab lill-appellat ihallas l-ispejjez tas-socjeta' appellanti sa dakinhar u mbaghad huwa jkun jista' jtih *"a complete corrected digital file ready for printing or for any of your eventual perusal."* Alternattivament il-appellat gie mistieden jiehu hsieb l-ipprintjar u l-binding hu jekk isib finanzjament alternattiv;

xviii. Minn hemm 'il quddiem ir-relazzjoni bejn il-partijiet evidentement iddeterjorat sew u nqala' dizgwid kif juru l-iskambju ta' emails bejn l-10 u s-26 ta' Mejju 2010[30]. Minnhom il-Qorti tislet is-segwenti:

- l-email tat-12 ta' Mejju 2010[31] Joseph Mizzi avza lill-appellat dwar il-kont tax-xoghol tas-socjeta' appellanti li huwa kien dispost li jiskontah ghas-somma ta' €1000 + VAT oltre l-ispejjez ta' Karl Coleiro;

- l-email tal-14 ta' Mejju 2010[32] fejn il-appellat indika lil Joseph Mizzi li fil-frattemp kien sar intervent mill-Gutenberg Press fejn giet prosposta somma komplessiva ta' €10,500 bhala somma totali li tinkludi l-ispejjez tal-istampar ghand Gutenberg, l-ispejjez tas-socjeta' appellanti u tal-*proof reading* ta' Karl Coleiro, liema proposta jidher li kienet accettabbli ghall-appellat izda kkwalifika ruhu hekk[33] –

  *"dan pero' jiddependi fuq iz-zmien li fih se jitlesta x-xoghol. Ghalhekk nitolbok, li jekk taqbel ma' dan, tinfurmani bid-data li fiha x-xoghol ikun lest minn naha taghkom halli nkun nista' nevalwa din il-possibilita'"*.

---

[25] Xhieda tal-attur quddiem din il-Qorti a fol 89.
[26] Fol 41 et seq – inkartament tal-appell.
[27] Fol 78 et seq.
[28] Xhieda tal-appellat a fol 91 – inkartament tal-appell.
[29] Fol 62.
[30] Fol 41 et seq u fol 63 et seq.
[31] Fol 67.
[32] Fol 66-67.
[33] Fol 67.

- l-email tas-17 ta' Mejju 2010[34] fejn Joseph Mizzi qal lill-appellat li huwa ma kellu l-ebda problema *"biex ix-xoghol jitkompla"* purche' jigu osservati numru ta' kundizzjonijiet fosthom li qabel ma jitlaq ix-xoghol minghand is-socjeta' appellanti ghall-istampar kellu jsir il-pagament ta' €2000 + VAT (total €2360) li jinkorpora x-xoghol tas-socjeta' appellanti u ta' Karl Coleiro;

- l-email tal-appellat tad-19 ta' Mejju 2010[35] fejn indika li huwa mhux biss ma kienx qed jaqbel mal-prezz indikat izda ma kienx f'qaghda li jaghti risposta lil Mizzi dwar it-tkomplija tal-ktieb ghax –

  *"inti (Mizzi) ma tajtnix data meta se jitlesta l-ktieb min-naha tieghek kieku naccetta l-proposta....Tahseb li jien nista' nohrog il-ktieb ghall-bejgh meta t-Tazza tad-Dinja tkun bdiet?*

  *[....]*

  *Emminni nhossni dizappuntat ferm. Hdimt fuq dan il-progett ghal seba' snin shah, habrikt kemm flaht biex sibt l-isponsors (u nfakkrek li tlift wiehed ta' 2000 ewro ghaliex id-dummy ma kienx lest sa erba gimghat wara!). Xtrajt ir-ritratti r-rights taghhom, saqqaft wicci mal-Ministru tal-Finanzi biex gheni finanzjarjament bis-sahha tal-Good Causes Fund, u fuq kollox grejt wara l-President ta' Malta li ghax bhali emmen fil-progett, kitibli dahla minn qiegh ta' sodda, fic-Cina! Ma' dawn in-nies kollha se naqa' ghar-redikolu meta', naqta qalbi li din il-holma zghira tieghi, issehh."*

- l-email tal-20 ta' Mejju 2010[36] permezz ta' liema Joseph Mizzi nforma lill-appellat li jekk huwa ma kienx ser jaccetta l-kundizzjonijiet hemm imsemmija fosthom dwar il-hlas u ma kienx ser jircievi risposta minghandu sal-ghada, is-socjeta' appellanti kienet ser tipprocedi ghall-ftuh ta' proceduri kontra l-appellat ghall-valur shih tax-xoghol taghhom u cioe' €2925 + VAT;

- Fir-risposta tieghu mibghuta dakinhar stess, l-appellat wiegeb hekk lil Mizzi[37] -

  *"Qieghed nara li l-isforzi kollha tieghi, li nara l-holma tieghi ssehh huma mdendla. Ninsab dahri mal-hajt u int qed tahrab mir-responsabilta'.*

---

[34] Fol 66.
[35] Fol 64 – 65.
[36] Fol 43.
[37] Fol 44.

*Ghax ma nistax nara dan il-progett jisfuma hekk quddiem ghajnejja jien sfurzat naccetta l-offerta tieghek bil-kundizzjoni li nithalla nahdem ma' John. Ir-raguni hi li hu ghadu ma jafx liema ritratti rrid f'certu postijiet u l-kobor taghhom. Barra minn dan lanqas il-qoxra ghadha ma saret u allura din irridu niddiskutuha qabel ma titlesta. Jekk le se jerga' jitwal iz-zmien."*

- F'dik l-istess email l-appellat staqsa lil Mizzi biex jekk ix-xoghol isir, izda jara li qieghed tard wisq biex imur ghall-istampar, huwa setax almenu jinghata zewg verzjonijiet tax-xoghol imwettaq mis-socjeta' appellanti, u cioe' format lest ghall-istampar u format iehor li jkun jista' jinbidel/jizdied/jigi olterat f'kaz li huwa jiddeciedi ghal edizzjoni ohra. Dan ghaliex jekk ix-xoghol ikun 'flattened', ma jkunx jista' jiswa lill-appellat jekk izommu ghal erba' snin wara;

Fl-email tieghu l-ghada <u>21 ta' Mejju 2010</u>[38] Mizzi rrisponda li s-socjeta' appellanti ma kellha ebda problema li tghaddi lill-appellat iz-zewg verzjonijiet tax-xoghol mitluba purche' jithallsu l-€2000 + VAT (€1000 minnhom ghal Karl Coleiro).

- L-ahhar email esibita hija dik tas-<u>26 ta' Mejju 2010</u>[39]fejn Joseph Mizzi rega' nsista li l-appellat kellu jaderixxi mal-kundizzjonijiet indikati minnha u li jekk ried li x-xoghol jitkompla kellu jikkonferma dan b'mod car u bil-miktub.

xix. Il-partijiet ma waslux ghal ftehim u fi kliem Joseph Mizzi - *"jien kont waqqaft ir-relazzjoni taghna peress li ma smajt xejn aktar minghand Ramon u ma……hdimtx aktar fuq dan il-ktieb*[40]*."*

xx. Il-appellat min-naha tieghu jilmenta li kienet is-socjeta' appellanti li waqqfitlu l-progett ingustament u allura huwa m'ghandux jigi kundannat ihallasha s-somma mitluba.[41]

xxi. Joseph Mizzi jghid li huma ghaddew verzjoni tal-ktieb bix-xoghol kollu li kienu ghamlu fuqu lill-appellat bhala *pdf document*, li minnu seta' jiehu t-test kollu b'mod elettroniku ghax il-pdf ma kienx protett, izda l-appellat baqa' ma hallasx u minflok mar ghand kumpanija ohra jisimha Horizons Communications Ltd *"u din il-kumpanija ppublikat il-pdf bhala ktieb hi"*[42]. **Izda in kontro-ezami Mizzi ammetta mbaghad li d-dokument pdf imsemmi kien illokjat u ghalhekk il-appellat ma setax jaghmel aktar korrezzjonijiet minn dawk li ghamlet is-socjeta' appellanti. Il-pdf seta' biss jigi pprintjat ezatt kif inghata lill-appellat**[43].

---

[38] Fol 44.
[39] Fol 42.
[40] Fol 35.
[41] Xhieda a fol 92.
[42] Fol 17 u 25.
[43] Xhieda a fol 35.

xxii. Fl-24 ta' Settembru 2010 is-socjeta' appellanti harget fattura ghall-hlas tas-somma totali ta' €3473.63 pretiza minnha ghax-xoghol li hija kienet lahqet lestiet fuq il-ktieb sa Mejju 2010[44], u tkopri:

*Alterations to text, page-layout, and pagination priced at €2925.00 @75% completion – €2193.55*

*Proof Reading by Mr Karl Coleiro priced at €1000 @ 75% completion – €750.00*

*VAT 18% - €529.88*

xxiii. Din il-fattura giet segwita b'ittra ufficjali fid-19 ta' Mejju 2014[45] u fit-30 ta' Gunju 2014 inbdew il-proceduri quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar mis-socjeta' appellanti ghall-hlas tas-somma msemmija ta' €3473.63. Ma giex spjegat ghalfejn l-appellanti damet dawk is-snin kollha biex ipproponiet il-kawza kontra l-appellat.

xxiv. It-talba appellanti hija bazata fuq il-pretiza li hija kienet lestiet ix-xoghol li kellha taghmel fuq il-ktieb skont dak li kien ghaddielha l-appellat peress li skont hija, l-appellat kien lesta biss hamsa u sebghin fil-mija tax-xoghol[46]. Izda din l-asserzjoni li hija kontestata mill-appellat li jinsisti li x-xoghol kollu kien lest hu u li kienet is-socjeta' appellanti li ma lestietx il-parti taghha. Huwa xehed hekk[47] –

*"Jiena lil Joseph Mizzi tajtu CD bil-kontenut kollu tal-ktieb. Nixtieq nippreciza li meta ghaddejt ic-CD lil Joseph Mizzi anzi zewg CDs lil Joseph Mizzi wahda kien fiha t-test kollu tal-ktieb u CD ohra li kienet tikkontjeni r-ritratti li kellhom high resolution u ghalhekk ma setghux joqoghdu fl-istess CD tal-ktieb. Jien nixtieq nispjega u nerga nikkonferma illi x-xoghol min-naha tieghi kien lest kien fadallu biss ix-xoghol tal-proof reading li kellu jsir mis-socjeta' appellanti."*

Minn dawn l-osservazzjonijiet suesposti l-Qorti tikkonkludi li -

1. Ma hemm ebda dubju li fuq numru ta' xhur qabel ma ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet, is-socjeta' appellanti kienet ghaddejja b'xoghlijiet konnessi mal-ktieb tal-appellat konnessi ma' pagnar, *layouts* tal-pagni u *proof reading*;

2. Madankollu dan il-fatt irid jittiehed fil-kuntest tal-obbligi assunti mis-socjeta' appellanti u cioe' li tlesti x-xoghol kollu fuq il-ktieb sal-pubblikazzjoni ferm qabel it-Tazza tad-Dinja tat-12 ta' Gunju 2010;

[44] Affidavit ta' Joseph Mizzi a fol 17 u fattura a fol 2.
[45] Fol 3.
[46] Xhieda ta' Joseph Mizzi.
[47] Fol 38.

3. Mill-provi jirrizulta li l-appellat kien qed jimxi skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu mis-socjeta' appellanti u dejjem ghaddilhom dak li talbuh fi zmien relattivament qasir kif jidher partikolarment mill-iskambju tal-emails;

4. Huwa evidenti li meta l-mira originali ghall-pubblikazzjoni tal-ktieb fi Frar/Marzu 2010 ma ntlahqitx, il-appellat spicca kull darba jara dan it-*time frame* jersaq eqreb lejn il-perjodu tal-avveniment tat-Tazza tad-Dinja 2010 pero' ghamel l-almu tieghu biex jibqa' jikkopera u jaghti sehemhu safejn jista' biex il-progett li kien ilu snin jahdem fuqu fl-ahhar isehh;

5. Is-socjeta' appellanti kienet ben konxja tat-terminu li fih kellu jkun lest il-ktieb, u nonostante li l-appellat ripetutament beda jesprimi t-thassib tieghu dwar jekk il-ktieb kinux se jlahhqu jlestuhulu fil-hin (thassib li huwa kien beda jissenjala sa minn Dicembru/Jannar 2009), l-appellanti baqghet dejjem tassikurah li x-xoghol kien miexi b'ritmu tajjeb u li kien se jkun lest fil-hin kif miftiehem;

6. Il-appellat kien pro-attiv u regolarment beda jsus wara s-socjeta' appellanti biex ix-xoghol jitlesta. Gieli anke staqsa jekk kienx hemm xi haga ohra li jista' jaghmel min-naha tieghu sabiex jithaffef l-iffinalizzar tax-xoghol fuq il-ktieb u sahansitra ghen fil-*proof reading*[48];

7. Kien jispetta lis-socjeta' appellanti li tikkordina u tissettja t-*time frames* biex il-pubblikazzjoni tal-ktieb issehh tempestivament. Ghalhekk anke jekk partikolarment mid-dokumenti ezibiti quddiem din il-Qorti jidher li l-appellat kien ghadu qed jghaddi lis-socjeta' appellanti xi materjal lejn l-ahhar t'April, dan kien qed jaghmel hekk fuq direzzjoni tas-socjeta' appellanti li kienet qed tipprogramma l-istadji sal-publikazzjoni tal-ktieb;

8. Huwa minnu li jidher li l-appellat kien zied il-kontenut u l-pagni tal-ktieb minn circa 250 ghal cirka 600 pagna, fattur li seta' kellu xi ftit effett fuq ix-xoghol miftiehem bejn il-partijiet, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta li dan kien il-fattur determinanti li ostakola t-tlestija tal-ktieb f'hin idoneu qabel il-bidu tat-Tazza tad-Dinja 2010. F'dan ir-rigward ma gietx prezentata korrispondenza fejn l-appellanti oggezzjonat ghaz-zieda fin-numri ta' pagni.

9. Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqasijiet tas-socjeta' appellanti huma ta' portata tali li minhabba fihom kwalunkwe xoghol li hija lahqet ghamlet lill-appellat tilef il-valur tieghu gjaladarba mhux biss ma setax jigi pubblikat fil-hin qabel it-Tazza tad-Dinja tal-2010 izda lanqas seta' jintuza ghal fini tal-pubblikazzjoni li saret fl-2014 peress li l-materjal kien fuq pdf u ma setax jigi korrett jew mibdul. Il-appellat xehed hekk quddiem din il-Qorti [49] -

[48] Xhieda tal-appellat quddiem din il-Qorti a fol 91.
[49] Fol 90.

*"Jien qatt ma nghatajt kopja tax-xoghol li ghamlu MidSea. La hard copy u lanqas soft copy u jien mhux ha nhallas ghal xoghol li ma nghatajtx. B'referenza ghal email Dok I fol 80, jien insostni li pdf file ma jfisser xejn ghalija, ma tistax tiehu minnu. Il-pdf file lanqas biss kienu proof read. Il-kontenut ta' dawn il-files jinsab esebit fl-atti tal-kawza, hemm zball fit-titolu, dan juri kemm dan ma kienx final text. Tabelli lanqas biss huma ccentrati. Ritratti ghadhom bil-water mark. Dan ma kienx il-prodott finali. Jien qatt ma nghatajt il-prodott finali."*

12. Dwar dawn il-pdf files[50] jidher li dawn ma kinux il-prodott finali peress li hemm ritratti li fihom water mark (fol 81, 94), uhud mit-tabelli jestendu 'l barra mill-margins (ez fol 83 et seq, fol 102 et seq) a kuntrarju ta' tabelli ohra li jidhru pozizzjonati tajjeb fil-layout (ez fol 92 u 96), filwaqt li pagni ohra fejn probabilment irid jigi nserit ritratt kienu ghadhom vojta (ez fol 98, 116 u 145). Pagni ohra li ghadhom minhajr test miktub (fol 151 et seq). Mela zgur li l-appellat ma setax jaqbad u jmur jipprintjahom kif inhuma bhala ktieb ghand il-kumpanija Horizons kif allegat mis-socjeta' appellanti;

13. Dan apparti li l-appellat spicca kien kostrett jippubblika l-ktieb tieghu erba' snin wara u cioe' qabel it-Tazza tad-Dinja tal-2014, u huwa kellu jinkorri spejjez addizzjonali. Kif kompla jixhed quddiem din il-Qorti[51]–

*"Spiccajt kelli nistenna erba' snin ohra qabel ma gie ippublikat. Dan wassal biex kelli niehu iktar xoghol ghax kelli nzid kapitlu tal-edizzjoni tas-sena 2010, li kienet l-edizzjoni li fiha hadu sehem l-iktar timijiet, iktar pagni u iktar ricerka u spejjez. Kelli nixtri iktar ritratti.*

*[….]*

*Jien spiccajt kelli nerga' naghmel l-ispejjez kollha. Li kieku lili tani x-xoghol li kien lest mela dik kienet tkun materja ohra. Imma jien kelli nerga' naghmel kollox mill-bidu.*

14. Kien fis-7 ta' Mejju, 2010 li l-appellanti hadet id-decizjoni unilaterali li twaqqaf il-progett ghaliex ma kienx vijabbli li jitkompla, u dan wara li nghatat stima tal-ispejjez tal-pubblikazzjoni. F'email mibghuta minn Edwin Catania kiteb, *"Subsequently, upon your settlement of our expenses to date, I would furnish you with a complete corrected digital file ready for printing or for any of your eventual perusal. Alternatively, take care of the printing and binding if alternative financing is sourced"*. Kliem li jikkonferma li sa dak iz-zmien ma kinitx tezisti kopja finali tal-ktieb, u mhemmx prova li l-appellanti qatt ghamlitha. Dan minkejja li fl-affidavit Joseph Mizzi xehed li l-appellat, *"… mar minn wara daharna ghand kumpannija ohra jisimha Horizon Communications Limited (C57715) bil-pdf document u din il-kumpannija ppubblikat il-pdf bhala ktieb hi kif jidher fid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dokument JM3"*.

[50] Ezibiti a fol 81 *et seq*.
[51] Fol 92.

Dok. JM3 mhu xejn ghajr flyer dwar il-ktieb 'L-Istorja tat-Tazza tad-Dinja'. Mhuwiex prova li x-xoghol li l-appellat ghamel uzu mix-xoghol li ghamlet l-appellanti. Prova li kellha ssir mill-appellanti.

15. Jirrizulta wkoll li wara li l-appellanti ddecidiet unilateralment li ma tkomplix bil-progett, il-appellat ried li jinghata zewg verzjonijiet tax-xoghol, *"…. Format lest ghall-istampar u format iehor li nkun nista' nibdel/inzid/naltera f'kaz li niddeciedi li nzomm ix-xoghol ghal edizzjoni ohra. Dan ghaliex jekk ix-xoghol ikun flattened, ma jkunx jista jiswa lili f'kaz li nzommu ghal erba' snin ohra"* (ara email datata 20 ta' Mejju, 2010). L-appellanti nfurmatu li ma kienx hemm problema diment li jhallas €2,000 u l-VAT, pero' ma kinitx disposta li x-xoghol jigi finalizzat billi l-appellat ikun prezenti ghal dak li kien fadal isir biex jitlesta x-xoghol[52]. Fil-fatt fl-email datata 24 ta' Mejju, 2010 li Mizzi kiteb lill-appellat, qallu: *"Jekk tigi hawn ix-xoghol, kif ga spjegajtlek se jtul aktar u mhux lest naghti dan il-hin kollu. Haddiehor igib dak li jixtieq fil-provi u naqduh. Hadd qatt ma gabha bi kbira hliefek"*[53]. Hu evidenti li ma sar xejn.

Meta l-qorti tqis:

- Kienet l-appellanti li qabdet u unilateralment waqfet il-progett ftit gimghat qabel bdiet it-Tazza tad-Dinja tal-2010;
- Dak li ntqal hawn fuq dwar il-pdf files li f'April l-appellanti baghtet lill-appellat. Mhemmx prova li wara dakinhar intbaghtu xi pdf files ohra lill-appellat. Hu anzi evidenti li dwar dak li kien qieghed jigi diskuss f'Mejju 2010 bejn Mizzi u l-appellat, ma ntlehaqx ftehim dwaru;
- Mhemmx prova li l-appellanti tat lill-appellat verzjoni tax-xoghol li tieghu talbet il-hlas, li seta' juza ghall-pubblikazzjoni;
- Mhemmx prova li l-pdf files li nghataw lill-appellat f'April 2010 kienu dawk li ntuzaw meta stampa l-ktieb erba' snin wara. Prova li certament kellha ssir mill-appellanti gialadarba qeghda tippretendi l-hlas;
- Il-pdf files li nghataw lill-appellat f'April 2010 kienu fi kliem Mizzi, *"… konna baghatnilu l-PDF illi minnufih **huwa llokjat** u ghalhekk ma setax jaghmel aktar corrections minn dawk li ghamilna ahna…."*. Ix-xoghol kien ghadu ma tlestix kollux. L-appellanti stess qalet li 75% mix-xoghol kien lest. F'dawn ic-cirkostanzi ma giex muri kif dawk il-pdf files setghu jintuzaw mill-appellat ghall-ktieb li gie stampat erba' snin wara;

tikkonkludi li l-azzjoni tal-appellanti ma tistax tirnexxi.

---

[52] F'email datata 20 ta' Mejju, 2010 (fol. 44), l-appellat gharraf lil Mizzi li kien dispost li jhallas €2,000 u l-VAT li talbu ihallas diment li *"… nithalla nahdem ma' John. Ir-raguni hi li hu ghadu ma jafx jien liema ritratti rrid f'certi postijiet u l-kobor taghhom. Barra minn dan lanqas il-qoxra ghadha ma saret u allura din irridu niddiskutuha qabel ma titlesta. Jekk le se jerga' jitwal iz-zmien"*.

[53] Fol. 41.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet tas-socjeta' appellanti bl-ispejjez kollha kontriha.**

Anthony Ellul